MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru. 396/2006

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Aquilina)

vs

James Emanuel Henry Apap

Il-Qorti;

Rat li l-imputat James Emanuel Henry Apap ta' 25 sena iben George u Penny xebba Brown imwieled Somerset, l-Ingilterrra fit-22 ta' Jannar, 1982 u joqghod Nru. 54, Triq Salvu Dimech, Mosta detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numr 230094M. gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Dicembru 2005, u fix-xhur ta' qabel din id-data, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati,

ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Barra cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording, jew xbieha electronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta, jew qassam jew wera ritratt, film, video recording jew xhieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2006 ghall-akkuza kif dedotta u dan wara li huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li qed issbu hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta ta' l-imputat u l-fatt li mill-provi rrizulta biss li huwa kellu fil-pussess tieghu il-materjal de quo u li huwa bl-ebda mod ma qassam l-istess materjal u l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni fil-kors ta' l-investigazzjonijiet ta' dan il-kaz.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli 208A tal-Kap 9 u l-artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif minnu ammessa u tiddeciedi li tikkundannah ihallas multa ta' LM100 u tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sena taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu ta' probation ta' sena l-imputat igib ruhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer.

2. Li l-imputat jibqa’ jzomm kuntatt kontinwu ma’ l-istess Probation Officer skond id-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien.
3. Li l-imputat jgharraf minnufih lil Probation Officer, b’kull tibdil ta’ residenza jew xoghol tieghu.
4. Il-Probation Officer ghandu jaghmel rapport bil-miktub lill-Qorti kull tlett xhur dwar l-andament ta’ l-imputat.

Il-Qorti tordna ai termini ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta’ l-Uffficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan il-ghan.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------